# Minuti

## Seduta Nru. 25/2012

Data: Il-Ħamis, 2 t'Awwissu 2012

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida, Pjazza Menqa Msida

---

Preżenti:
Mary Rose Mifsud – *Chairperson*
John Mary Zahra (Jimmy) – *Membru*
Jane (Yvonne) Spiteri – *Membru*
Mario Xuereb – *Membru*
Rudolph Cini – *Membru*
Michael Fenech Adami – *Sindku, Kunsill Lokali Birkirkara*
Christopher Galea – *Aġent Segretarju Eżekuttiv*

Skużati:

❖ Ħadd m'attenda minn naħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida.

---

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti Mqajma mill-Minuti;
4. Korrispondenza;
5. Kors – Basic Life Support;
6. Stemma tal-Kumitat;
7. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat;
8. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson;*
9. Għeluq u Aġġornament.

---

## Kontenut

Annex A Minuti 25/2012

Annex B Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

**Minuti 25/2012**

## 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa bdiet fis-5:45pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

## 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**2.1** Il-Minuti tas-Seduta 24/2012 li saret nhar l-Erbgħa, 27 ta' Ġunju 2012 tqassmu qabel u ttieħdu bħala moqrija. Ma kien hemm ebda korrezzjonijiet fil-minuti u ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti

**3.1** **Fuq punt 3.1 –** Iċ-*Chairperson* qalet li sa l-aħħar tal-ġimgħa ta' wara, qabel ma jitlaq Matthew Dimech bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Imsida, l-affarijiet kollha pendenti jridu jkunu saru. Jekk ma jkunux saru għandha tinkiteb ittra lid-Dipartiment. Il-Kumitat qabel.

*Xogħlijiet Pendenti fis-Swatar*

**3.2** **Fuq punt 3.2 –** Il-Kumitat iddeċieda li fi żmien ġimgħa ssir laqgħa mat-Transport Malta sabiex il-Kumitat jiġi nfurmat fuq ir-raġuni tad-dewmien biex jiġu approvati l-proposti tat-*traffic management*.

Traffic Management

**3.3** **Fuq Punt 4.1 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li l-imejl għall-appuntament mat-TM sar imma għadu bla risposta. Il-Kumitat iddeċieda li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jibqa' jinsisti biex issir il-laqgħa.

Laqgħa mat-TM dwar l-Arriva

**3.4** **Fuq punt 6.2 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta rendikont mibgħut mill-HSBC dwar il-carwash li saret minn naħa tal-HSBC fejn ġabru s-somma ta' €400. 50% tagħhom ser jiġu donati lill-karita' u 50% l-oħra ser jintefqu fil-komunita' bħala *Community Work*. Dawn ix-xogħlijiet m'għandhomx jaqbżu l-€400. €100 ser jiġu donati lill-Parroċċa San Gorg Preca talli użaw l-ilma u l-parkeġġ.

Carwash mill-HSBC

**3.5** **Fuq Punt 6.4 –** Is-Sur Rudolph Cini qal li mill-minuti jirriżulta li ma kien hemm ebda ħsieb jew xi pjan li ssir xi forma ta' *press conference*. Is-Sur Cini qal li dan m'għandux isir fil-futur li jiġu fit-8am infurmati li ser issir *press conference* għal dak inhar għax kulħadd ikollu xogħolu aktar u aktar meta din il-*press conference* ma kienitx miftehma fil-laqgħa ta' qabel.

Servizz fuq il-One News dwar is-siti perikolużi

3.5.1 Iċ-*Chairperson* qalet li kien l-Erbgħa ta' filgħaxija u kienet ħierġa mix-xogħol fejn kien hemm mara irrabjata li bdiet issaqsi min hu responsabbli ta' dan is-sit perikoluż għax waqgħet it-tifla tagħha bir-rota ġol plott tal-bini li jinsab fi Triq Evlyn Bonaci. Iċ-*Chairperson* ċemplet min jieħu ħsieb il-programm 'Illostra' u qalulha li dan m'għadux jixxandar. Kienet taf li s-Sa Yvonne Spiteri kienet sejra laqgħa l-kwartieri tal-Labour u talbitha tieħu parir minn hemm. L-għada iċċemplilha l-avukat Xriha fejn infurmaha li ser jieħu passi. Iċ-*Chairperson* irrispondietu li hi ser tieħu passi immedjati. Is-Sa Yvonne Spiteri ċempelet liċ-*Chairperson* li l-għada ser jibgħatu lill-One News. Iċ-*Chairperson* qalet li din ma kienitx *press conference* imma servizz minn One News li fil-fatt ċ-*Chairperson* u s-Sa Yvonne Spiteri, avolja

kienu preżenti waqt is-servizz, ma tkellmux.

3.5.2 Is-Sur Mario Xuereb ikkummenta li m'għandux dubju li l-intenzjoni taċ-*Chairperson* kienet tajba iżda l-Kumitat kien iddiskuta l-way forward meta mbagħad ixxandar servizz fuq il-One News għan-nom tal-Kumitat meta fil-fatt qatt dan ma ġie diskuss u approvat mill-Kumitat.

3.5.3 Il-Kumitat iddeċieda li jirrikonoxxi li l-mod kif ġiet involuta l-media dwar is-siti peikolużi ma kienx kif miftihem mill-Kumitat li kien qabel li l-informazzjoni tingħata lil 'Xarabank' u 'Illostra'. Il-Kumitat jaqbel unanimament li kull involviment tal-media issir biss wara qbil fil-Kumitat.

3.5.4 Iċ-*Chairperson* talbet l-approvazzjoni tal-Kumitat li l-istess servizz li ingħata minn One News għandu jsir ukoll minn Net News mis-Sur Simon Cassar. Il-Kumitat iddeċieda li dan is-servizz ma jsirx.

3.5.5 Is-Sur Michael Fenech Adami qal li fuq propjeta' privati, il-Kumitat u l-Kunsill kullma jistgħu jagħmlu hu li jirraportaw lill-MEPA.

3.5.6 Is-Sur Jimmy Zahra ssuġġerixxa li tinbagħat *final notice* lill-MEPA u l-Pulizija u tiġi kkupjata lid-Dipartiment kif ukoll lill-Ministri responsabbli. Il-Kumitat qabel unanimament.

**3.6** **Fuq punt 6.4.1 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li ċċekkja kif il-Kumitat jista' jimpjega ħaddiema tal-ETC. L-HR tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali infurmah li t-talba għal dawn il-ħaddiema jridu jsiru mill-Kunsill u mhux mill-Kumitat. Dawn il-ħaddiema ma jistgħux jintalbu għal xi tip ta' xogħol speċifiku iżda jridu jiġu impjegati fuq minimu ta' sitt xhur u trid tara x'tip ta' xogħol trid ittihom. Il-Kumitat iddeċieda li ħaddiema tal-ETC ma jintalbux. Ħaddiema tal-ETC

3.6.1 Is-Sur Michael Fenech Adami issuġġerixxa li titnaddaf l-għalqa tas-Sisla ta' quddiem il-Knisja. Il-Kumitat qabel. Għalqa tas-Sisla

**3.7** Iċ-*Chairperson* talbet sospensjoni tal-aġenda sabiex tiddiskuti ċertu punti mas-Sindku ta' Birkirkara. Is-Sa Yvonne Spiteri issekondata u l-Kumitat qabel unanimament.

3.7.1 *F'dan l-istadju is-Sur Ruolph Cini kien skużat minħabba impenji oħra.*

3.7.2 Iċ-*Chairperson* qalet lis-Sindku li l-Kumitat qed iħossu li ġie bbojkotjat mill-Kunsill. Is-Sindku qal li hu ma jmur fl-ebda laqgħa tal-Kumitati l-anqas ta' Fluer-de-Lies u l-Kunsill ma bbojkotjax il-Kumitat.

3.7.3 Iċ-*Chairperson* staqsiet lis-Sindku għaliex il-korsijiet tal-*beginners* tal-kompjuter għadhom ma bdewx meta huwa kollox lest u l-Head avviċinata biex jibdew il-korsijiet. Is-Sindku rrisponda li l-problemi tal-iskola li għadhom mhux solvuti bħal min ser ikun il-purtinar li jibqa' wara l-ħin, min ser jiftaħ l-iskola eċċ. u l-Head għad għandha problema għax għad m'hemmx internet fil-kamra ta' fejn ser isiru l-korsijiet. Korsijiet tal-Kompjuter

3.7.4 Ġiet diskussa l-applikazzjoni tat-taraġ ta' Valley Road fejn l-Aġent Taraġ ta' Valley Road

Segretarju talab lill-Perit tal-Kunsill sabiex jagħmel l-applikazzjonijiet neċċessarji għall-fondi tal-UIF. Din weħlet għand Transport Malta. Il-Kumitat qabel li terġa tinbagħat reminder.

3.7.5 Ġie diskuss il-proġett tas-Sisla. Is-Sindku semma dwar il-pjanta tal-proġett li propona. L-aġent Segretarju Eżekuttiv iċċara fuq il-pjanta fejn il-Kumitat kien iddeċieda li din tiġi emendata iżda l-ewwel il-Kumitat irid jitlob id-devoluzzjoni tal-art.

Proġett tas-Sisla

3.7.6 *F'dan l-istadju is-Sur Mario Xuerebi kien skużat minħabba impenji oħra.*

## 4. Korrispondenza

**4.1** Ġiet diskussa l-imejl li l-Kumitat irċieva mingħand is-Sa Maria Borg dwar il-parking bays fi Triq Sant' Andrija. Il-Kumitat iddeċieda li r-risposta għal din l-imejl tkun hekk: *The parking bays were painted at our cost according to the architect's recommendation and approved by TM'.*

Parking Bays fi Triq Sant' Andrija

## 5. Kors – Basic Life Support

**5.1** Il-Kumitat iddiskuta kif ser jitqassmu ċ-ċertifikati ta' parteċipazzjoni lir-residenti li attendew il-kors. Il-Kumitat qabel li għandha ssir attivita' dwar is-saħħa kif ukoll issir promozzjoni fuq l-importanza li kulħadd jitgħallem *basic life support*. Waqt din l-attivita', il-Kumitat iqassam iċ-ċertifikati.

Tqassim taċ-ċertifikati dwar BLS.

## 6. Stemma tal-Kumitat

**6.1** Il-Kumitat iddiskuta l-emblema tal-Kumitat kif ġiet proposta mis-Sur Adrian Strickland. Is-Sa Yvonne Spiteri ipproponiet li fejn hemm il-kulur isfar jinbidel għal kulur abjad. Il-Kumitat qabel unanimament li l-emblema għandha tkun hekk:

Approvazzjoni tal-Istemma tal-Kumitat



## 7. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat

**7.1** Ma kienx hemm ebda mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat.

## 8. Komunikazzjoni miċ-Chairperson

**8.1** Iċ-*Chairperson* ma kelliex x'tikkummenta aktar u l-ħin kien diġa sar biex jiġu eżawriti t-tlett siegħat.

**8.2** B'rejazzjoni tal-kummenti li qal is-Sindku ta' Birkirkara li l-Kumitat qed jinjora l-iskemi, iċ-Chairperson qalet li min kif ħarġet il-Memo

43/2011 mal-ewwel għaddietha fil-laqgħa biex il-Kumitat japplika għall-iskemi. Saħansitra skema minnhom il-Kumitat talab lill-istess Sindku ta' Birkirkara biex jgħin lill-Kumitat japplika għal din l-iskema iżda rriżulta li l-applikazzjoni ma ġietx mimlija korrettament u għaldaqstant ma ġietx aċċettata.

## 9. Għeluq u Aġġornament.

**9.1** Il-laqgħa spiċċat fis-8:30pm. Il-Kumitat unanimament qabel li l-laqgħa għandha tiġi aġġornata għal nhar il-Ħamis, 30 t'Awwissu 2012, fil-5:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

_______________________

*Chairperson*, KAS

_______________________

Aġent Segretarju, KAS

_______________________

Data

**Annex B**

# Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| **Ref.** | **Suġġett** | **Entita' / Persuna Responsabbli** |
|---|---|---|
| **3.1** | *Xogħlijiet Pendenti fis-Swatar* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **3.2** | *Traffic Management* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **3.3** | Arriva – Rotta 123 | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 3.7.4 | Taraġ ta' Valley Road | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **4.1** | Parking Bays fi Triq Sant' Andrija | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **5.1** | Tqassim taċ-ċertifikati dwar BLS. | Kumitat |